# Organizzazzjoni għall-Provvediment ta' Sostenn għall-Edukazzjoni Inklużiva

Rapport Sommarju

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# ORGANIZZAZZJONI GĦALL-PROVVEDIMENT TA' SOSTENN GĦALL-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

**Rapport Sommarju**

**L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva**

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija; li qabel kienet magħrufa bħala l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma, appoġġata mill-pajjiżi membri tal-Aġenzija u l-Istituzzjonijiet Ewropej (il-Kummissjoni u l-Parlament).

Din il-pubblikazzjoni ġiet iffinanzjata bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

L-ideat imfissra minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw l-opinjonijiet uffiċjali tal-Aġenzija, tal-pajjiżi membri tagħha jew tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni f'dan id-dokument.

Edituri: Verity Donnelly u Mary Kyriazopoulou, Persunal tal-Aġenzija

Siltiet minn dan id-dokument huma permessi diment li ssir referenza ċara għas-sors. Għandha ssir referenza għal dan ir-rapport skont kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2014. *Organizzazzjoni għall-Provvediment ta' Sostenn għall-Edukazzjoni Inklużiva – Rapport Sommarju.* Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva

Sabiex ikun kemm jista' jkun aċċessibbli, dan ir-rapport huwa disponibbli fi 22 lingwa u f'formati elettroniċi li jistgħu jiġu mmanipulati għal kollox, li huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: www.european-agency.org

ISBN: 978-87-7110-554-4 (Elettroniku)

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2014**

Segretarjat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju fi Brussell
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussell Il-Belġju
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

**WERREJ**

**1. SOMMARJU EŻEKUTTIV ........................................................................ 5**

1.1. Is-sejbiet ewlenin ........................................................................ 5

**2. L-INKLUŻJONI BĦALA KWISTJONI TA' KWALITÀ ........................................ 7**

2.1. It-terminoloġija u l-fehim komuni tal-inklużjoni ........................................ 7

2.2. Leġiżlazzjoni u politika ........................................................................ 8

2.3. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ........................................................................ 9

**3. IT-TISĦIĦ TAL-KAPAĊITÀ TAL-ISKEJJEL MAINSTREAM ........................................ 11**

3.1. It-tmexxija u l-ġestjoni tal-bidla ........................................................................ 11

3.2. L-edukazzjoni tal-għalliema u l-iżvilupp tal-persunal ........................................ 12

3.3. L-iżvilupp taċ-ċentri tar-riżorsi ........................................................................ 12

**4. L-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-PROVVEDIMENT U APPOĠĠ FL-AMBJENTI MAINSTREAM ........................................................................ 14**

4.1. Approċċi ta' tagħlim ........................................................................ 14

4.2. Kurrikulu ........................................................................ 14

4.3. Valutazzjoni ........................................................................ 15

4.4. Organizzazzjoni ta' sostenn ........................................................................ 16

**5. KOLLABORAZZJONI U NETWERKING ........................................................................ 17**

5.1. Sostenn fil-livell tal-komunità ........................................................................ 17

5.2. L-involviment tal-ġenituri ........................................................................ 18

**6. IL-FINANZJAMENT U R-RIŻORSI ........................................................................ 19**

**7. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET ........................................ 21**

7.1. Konklużjonijiet ........................................................................ 21

7.2. Rakkomandazzjonijiet ........................................................................ 22

*7.2.1. Id-drittijiet tat-tfal u l-parteċipazzjoni ........................................ 22*

*7.2.2. Ċarezza kunċettwali u koerenza ........................................ 23*

*7.2.3. Sostenn kontinwu ........................................................................ 23*

7.3. Rimarki konklużivi ........................................................................ 24

**8. REFERENZI ........................................................................ 25**

# 1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-proġett tal-Organizzazzjoni għall-Provvediment ta' Sostenn għall-Edukazzjoni Inklużiva (OoP), immexxi mill-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) mill-2011 sal-2013, eżamina l-mistoqsijiet ewlenin li ġejjin: kif inhuma organizzati s-sistemi ta' provvediment biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-istudenti identifikati li għandhom diżabilità skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD – Nazzjonijiet Uniti, 2006) f'ambjenti inklussivi fis-settur skolastiku obbligatorju?

Dan ir-rapport jgħaqqad il-kwistjonijiet ewlenin eżaminati waqt l-attivitajiet tal-proġett u jippreżenta serje ta' rakkomandazzjonijiet għall-organizzazzjoni tal-provvediment u l-prattika biex tittejjeb l-għajnuna għall-istudenti kollha tal-iskejjel mainstream u b'mod partikolari, dawk b'diżabilità.

Dan il-proġett esplora għadd ta' temi ewlenin, li kienu identifikati bħala prijoritajiet permezz ta' attivitajiet bikrin tal-proġett – ir-reviżjoni tar-riċensjoni tar-riċerka u l-ġbir tal-informazzjoni tal-pajjiżi. Dawn it-temi huma kif ġej:

- **L-inklużjoni bħala kwistjoni ta' kwalità.** Il-preżenza u l-parteċipazzjoni tal-istudenti kollha fil-komunità tal-klassi/l-iskola ttejjeb il-kwalità tal-esperjenza edukattiva.
- **It-tisħiħ tal-kapaċità tal-iskejjel mainstream biex iwieġbu għal ħtiġijiet diversi.** Element ewlieni hawnhekk huwa l-iżvilupp tar-rwol ta' provvediment speċjalizzat bħala riżorsa għas-sostenn tas-settur mainstream.
- **Kollaborazzjoni u netwerking.** Il-ħidma konġunta ttejjeb l-effettività tal-għajnuna edukattiva u ta' diversi aġenziji fi ħdan is-settur mainstream.
- **Il-finanzjament u r-riżorsi.** L-għajnuna għandha tiġi mmirata b'modi flessibbli biex tilħaq il-ħtiġijiet tal-istudenti kollha, inkluż dawk b'diżabilità.

Intgħażlu ħames postijiet għaż-żjarat ta' segwitu: Essunga (l-Isvezja), Vjenna (l-Awstrija), Flensburg (il-Ġermanja), Ljubljana (is-Slovenja) u Valletta (Malta). Fil-Ħarifa tal-2013, dawn il-postijiet ospitaw ukoll serje ta' seminars tematiċi biex jesploraw iktar fid-dettall il-fatturi li jirriżultaw miż-żjarat li għandhom influwenza fuq l-organizzazzjoni għall-provvediment fl-ambjenti inklussivi, billi jitqiesu l-kuntesti tal-pajjiżi differenti.

## 1.1. Is-sejbiet ewlenin

Miż-żjarat u seminars tal-proġett, il-punti li ġejjin tniżżlu bħala meħtieġa għall-iżvilupp ta' prattika inklużiva u l-organizzazzjoni ta' għajnuna effettiva għall-istudenti f'ambjent mainstream:

- Ċarezza kunċettwali dwar l-edukazzjoni inklużiva.
- Leġiżlazzjoni u politika li tirrikonoxxi s-sinerġija bejn il-UNCRPD u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC – Nazzjonijiet Uniti, 1989) li tagħti prijorità lid-drittijiet tat-tfal b'diżabilità u tiżgura politika u prattika konsistenti fil-livelli tas-sistemi kollha.
- Ħarsa sistemika li tiffoka fuq l-iżvilupp tal-"kapaċità inklużiva" tas-sistema edukattiva kollha u tinkoraġġixxi rabtiet b'saħħithom, kollaborazzjoni u għajnuna bejn u fil-livelli kollha (jiġifieri, bejn min ifassal il-politiki lokali u nazzjonali u l-mexxejja fl-edukazzjoni u tal-iskejjel, l-għalliema, professjonisti oħrajn, studenti u familji).
- Kontabbiltà inklużiva li tinvolvi lill-partijiet interessati kollha, inkluż lill-istudenti u tinforma fid-deċiżjonijiet tal-politiki biex tkun żgurata l-parteċipazzjoni u s-suċċess sħiħ tal-istudenti kollha, iżda b'mod partikolari dawk vulnerabbli għal nuqqas ta' progress.
- Tmexxija soda u kondiviża biex il-bidla tiġi ġestita b'mod effettiv.
- Edukazzjoni għall-għalliema u żvilupp professjonali kontinwu għall-inklużjoni, sabiex ikun żgurat li l-għalliema jiżviluppaw attitudnijiet pożittivi u jkunu responsabbli għall-istudenti kollha.
- Rwol ċar għall-ambjenti speċjalizzati biex jiżviluppaw bħala ċentri tar-riżorsi biex tiżdied il-kapaċità ta' skejjel mainstream u jiġi żgurat il-provvediment tal-kwalità u għajnuna professjonali kwalifikata sew għall-istudenti b'diżabilità.
- Organizzazzjoni skolastika, approċċi ta' tagħlim, kurrikulu u valutazzjoni li jsostnu opportunitajiet ta' tagħlim indaqs għal kulħadd.
- Użu effiċjenti ta' riżorsi permezz ta' kolleġġjalità u kooperazzjoni, l-iżvilupp ta' sostenn kontinwu u flessibbli, milli jiġu allokati fondi lil gruppi speċifiċi.

Dawn l-oqsma huma maqbula b'mod wiesgħa fir-riċensjoni tar-riċerka u fix-xogħol riċenti tal-Aġenzija, bħal *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva* (Aġenzija Ewropea, 2011), kif ukoll fil-proġett tal-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Provvediment.

Informazzjoni iktar dettaljata hija disponibbli fir-riżultati tal-proġetti (reviżjoni tal-letteratura, rapporti taż-żjarat tal-proġett, materjali tas-seminars tematiċi) li jistgħu jinstabu fil-project web area.

## 2. L-INKLUŻJONI BĦALA KWISTJONI TA' KWALITÀ

Il-qafas kunċettwali tal-proġett OoP jappoġġja l-ħtieġa għall-bidla fis-sistema li timxi minn mudell (ibbażat fuq il-ħtiġijiet) ta' defiċit ta' diżabilità, li jsib il-problema fl-istudent, għal mudell li jikkunsidra d-drittijiet tal-istudenti fi ħdan l-edukazzjoni, li jiżgura li kulħadd jipparteċipa b'mod attiv fil-proċess tat-tagħlim. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal ċaqliqa minn approċċi obbligatorji u l-organizzazzjoni għall-provvediment fit-termini tal-għajnuna individwali, għal kif is-sistemi tal-għajnuna jistgħu jiġu organizzati biex jagħmlu l-iskejjel mainstream iktar kapaċi biex jilħqu r-rekwiżiti tal-istudenti kollha għal edukazzjoni ta' kwalità – jipprevjenu l-falliment, iktar milli jieħdu l-azzjoni “ta' rimedju”.

Din it-taqsima se tindirizza l-inklużjoni bħala kwistjoni ta' kwalità li tinvolvi li tirrispondi għall-ħtiġijiet diversi tal-istudenti kollha.

### 2.1. It-terminoloġija u l-fehim komuni tal-inklużjoni

L-użu tat-termini “inklużjoni” u “edukazzjoni inklużiva” u t-tifsiriet assoċjati tagħhom ivarjaw ħafna fost il-pajjiżi differenti u anke fost ir-reġjuni differenti fi ħdan l-istess pajjiż.

Fis-seminars tematiċi, l-esperti indikaw il-ħtieġa għal idea kondiviża ta' inklużjoni, b'enfasi aktar fuq il-bniedem milli fuq il-parti teknika u fuq l-idea li l-edukazzjoni inklużiva hija aħjar għall-istudenti kollha fit-termini tal-preparazzjoni għall-ħajja. Tradizzjonijiet li ilhom imwaqqfa jridu jingħelbu b'ċaqliqa minn mentalità medika għall-iskejjel fejn jappartjeni kulħadd. L-inklużjoni hija dwar l-istudenti KOLLHA.

Fl-iskejjel inklużivi miżjura, l-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN) u/jew diżabilità ma kinux fiżikament preżenti biss fil-klassijiet, iżda pparteċipaw u ħadmu wkoll ma' sħabhom skont il-livell tar-riżultati tagħhom. Kif indikaw Crawford u Porter, l-edukazzjoni inklużiva tista' tiġi identifikata bħala arranġamenti edukattivi li fihom l-għalliema [l-iskejjel] għandhom l-istruzzjonijiet u għajnuniet oħra biex:

- *jilqgħu u jinkludu lill-istudenti kollha, fid-diversità u fl-eċċezzjonalitajiet kollha, fil-klassi regolari tagħhom, fl-iskola tal-viċinat ma' sħabhom ta' daqshom;*
- *irawmu l-parteċipazzjoni u l-iżvilupp sħiħ possibbli tal-potenzjal uman tal-istudenti kollha; u*
- *irawmu l-parteċipazzjoni tal-istudenti kollha f'relazzjonijiet ta' stima soċjali ma' diversi adulti u tfal ta' mparhom* (2004, p. 8).

Definizzjoni bħal din teħtieġ ħsieb ġdid u rikonoxximent li d-diversità u b'mod partikolari d-diżabilità, mhijiex problema jew fattur “ta' disturb”.

L-inklużjoni teħtieġ li tibda mis-snin bikrin – jekk it-tfal jikbru flimkien, jitgħallmu jaċċettaw id-differenza. Meta t-tfal jintbagħtu fi klassijiet separati "speċjali" f'tentattiv biex il-gruppi mainstream jinżammu omoġeni, provvediment bħal dan jista' jsir dejjem iktar kumpless biex jiġi mmaniġġjat – b'impatt fuq il-kwalità tal-għajnuna provduta lill-istudenti.

Fl-aħħar nett, fi żmien ta' riċessjoni ekonomika, l-allokazzjoni tar-riżorsi li se jissalvagwardjaw l-intitolament ugwali ta' kull student għall-edukazzjoni ta' kwalità f'ambjenti mainstream issir kruċjali. **L-inklużjoni mhix mezz biex tnaqqas il-fondi, iżda hija rotta biex tiżgura iktar kwalità u ekwità għall-istudenti kollha.**

## 2.2. Leġiżlazzjoni u politika

Fil-livell tal-Unjoni Ewropea (UE), l-Artikolu 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (Komunitajiet Ewropej, 2000) jipprovdi prinċipju gwida għall-miżuri leġiżlattivi u ta' politika tal-UE għas-sostenn tal-inklużjoni sħiħa tat-tfal b'diżabilità. Dan huwa rifless fl-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010–2020 (Kummissjoni Ewropea, 2010), li ssostni b'mod ċar l-inklużjoni tat-tfal b'diżabilità fl-edukazzjoni mainstream. Barra minn hekk, timpenja lill-UE biex issostni, permezz tal-programm tal-2020 tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2009), l-isforzi tal-Istati Membri biex ineħħu xkiel legali u organizzattiv għal persuni b'diżabilità li jidħlu f'sistemi ta' edukazzjoni ġenerali u ta' tagħlim tul il-ħajja u biex jiggarantulhom edukazzjoni inklużiva u taħriġ personalizzat fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.

Iktar minn nofs il-pajjiżi membri tal-Aġenzija li qed jipparteċipaw fil-proġett OoP għaddew minn bidliet sinifikanti tul dawn l-aħħar snin. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jpoġġu dejjem iktar enfażi fuq l-intitolament legali tal-istudenti kollha biex jattendu skola mainstream, filwaqt li numru żgħir jagħti d-dritt lill-ġenituri li jagħżlu skejjel għat-tfal tagħhom bi ħtiġijiet edukattivi speċjali/diżabilità. Grupp żgħir ieħor ta' pajjiżi jirreferi għall-edukazzjoni li qed tiġi pprovduta "fl-ambjent l-iktar adegwat" jew għall-istudenti li qed jirċievu edukazzjoni "adegwata għall-ħtiġijiet u l-abbiltajiet tagħhom". Madankollu, huwa rikonoxxut b'mod wiesgħa li t-tnaqqix tad-dritt għas-servizzi ta' sostenn fi kwalunkwe qafas ġuridiku jibqa' sfida.

Fiż-żjarat tal-istudju u fis-seminars tematiċi, l-esperti enfasizzaw il-ħtieġa għal attenzjoni fuq il-kwalità tal-appoġġ milli fuq il-kwantità. Passi pożittivi li qed jieħdu l-pajjiżi biex jiffaċilitaw approċċ bħal dan jinkludu:

- Iżommu l-ħiliet speċjalizzati u l-għarfien u jipprovdu għajnuna lill-iskejjel mainstream permezz taċ-ċentri tar-riżorsi (ta' spiss skejjel speċjali preċedenti) u ċentri ta' kompetenza.

- Jirrikonoxxu l-ħtiġijiet tal-għajnuna ta' diversi studenti fl-edukazzjoni mainstream (mingħajr ma jiffukaw fuq l-indeboliment/SEN) biex jipprovdu intervent bikri u jegħlbu kwalunkwe fruntiera temporanja għat-tagħlim. Dan jippermetti li r-riżorsi jintużaw b'mod iktar effettiv biex jipprovdu għajnuna kontinwa lill-istudenti bi ħtiġijiet ta' għajnuna iktar kumplessi.
- It-tagħlim tal-istudenti f'post wieħed biss – bl-iskop li jinħolqu komunitajiet ta' tagħlim flessibbli bil-kapaċità li jilħqu firxa ta' ħtiġijiet ta' għajnuna (u li jorbtu ma' firxa ta' servizzi lokali).
- It-tagħlim tal-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel biex jiżviluppaw kompetenza biex jaħdmu f'ambjent inklużiv.
- Il-ħidma mal-ġenituri biex iserħu rashom mill-kwalità ta' għajnuna f'ambjenti mainstream (għall-kuntrarju ta' speċjalisti) u l-benefiċċji ta' edukazzjoni mainstream.
- Jiġi żgurat li l-għajnuna tibqa' tul it-tranżizzjoni mill-iskola għal iktar/edukazzjoni ogħla, taħriġ u impjieg.

Fl-aħħar nett, għandhom jiġu kkunsidrati kemm il-UNCRC (Artikoli 23(3), 28 u 29(1a)) u l-UNCRPD (Artikolu 24) biex ikun żgurat li kemm id-dimensjonijiet tal-età u d-diżabilità jiġu inklużi fil-leġiżlazzjoni u l-politika, peress li l-pajjiżi jimxu milli jiddibattu t-tifsira ta' inklużjoni biex **jiffukaw fuq sistema edukattiva sħiħa li twassal għal soċjetà iktar ekwa u ġusta.**

## 2.3. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

Il-politika edukattiva nazzjonali, ġeneralment tistabbilixxi l-miri tas-sistema edukattiva tal-pajjiż, inkluż provvediment għal studenti b'diżabilità. Ir-reġjuni, il-muniċipalitajiet u l-iskejjel huma responsabbli biex jagħmlu l-miri konkreti u biex jagħmlu l-pjanijiet tagħhom għal attivitajiet immirati biex jilħqu l-miri nazzjonali. Jistgħu joħorġu indikaturi tal-kwalità użati għall-iskopijiet tal-monitoraġġ minn pjanijiet edukattivi u/jew evidenza bbażata fuq ir-riċerka f'diversi livelli tas-sistema edukattiva. F'xi pajjiżi, is-sistema ta' monitoraġġ (l-ispezzjoni) tivvaluta l-isforz li jagħmlu l-istituzzjonijiet edukattivi biex jiżguraw li l-istudenti tagħhom jilħqu l-miri li għandhom jilħqu u l-miri ta' żvilupp. kif ukoll riżultati usa', inkluż sakemm id-dispożizzjoni tkun "inkluziva".

Fis-seminars tematiċi tal-proġett, l-esperti indikaw li xi sistemi ta' kontabilità jivvalutaw aspetti differenti ta' provvediment edukattiv li mhux bilfors huma konsistenti mal-inklużjoni. Pereżempju, attenzjoni fuq l-ittestjar jew approċċi orjentati lejn ir-riżultati tista' ma tappoġġjax il-prattika inklussiva. Konsegwentament, hemm ħtieġa li jiġu żviluppati modi effettivi u inklużivi biex jiġi mmonitorjat u evalwat il-provvediment u biex jiġi żgurat ftehim bejn dawk li jfasslu

l-politiki, l-ispetturi, il-mexxejja tal-iskejjel, eċċ., dwar id-definizzjoni tas-suċċess u dwar x'inhi l-kwalità (billi jitqiesu l-aspirazzjonijiet tal-istudenti). Il-gruppi tal-partijiet interessati kollha għandhom joqogħdu attenti għall-mistoqsijiet li jiġu mistoqsija meta jimmonitorjaw u jevalwaw il-kwalità tal-provvediment biex jiżguraw li s-sistemi jippremjaw għajnuna u prevenzjoni bikrija.

Il-pajjiżi jimpenjaw ruħhom dejjem iktar fil-ġbir tad-dejta u filwaqt li din l-informazzjoni tista' tinforma l-ippjanar u l-iżvilupp (b'mod partikolari fl-iżgurar tal-ekwità u fl-għeluq "tal-lakuni" tal-kisbiet), m'għandhiex issir l-ixprunatur ewlieni.

Fl-aħħar nett, l-ispezzjoni u r-reviżjoni għandhom jiffukaw fuq l-intervent bikri – mhux fuq in-nuqqas jew l-għemil ħażin – u jipprovdu għajnuna lill-iskejjel biex iżidu l-kapaċità tagħhom biex jilħqu l-ħtiġijiet tal-istudenti kollha.

## 3. IT-TISĦIĦ TAL-KAPAĊITÀ TAL-ISKEJJEL MAINSTREAM

Din it-taqsima se tindirizza modi effettivi biex tissaħħaħ il-kapaċità tas-settur mainstream biex ikun inklużiv u jiftaħ il-potenzjal tas-settur speċjalizzat bħala riżorsa.

### 3.1. It-tmexxija u l-ġestjoni tal-bidla

Il-bidla trid tibda' minna nfusna, fl-istituzzjonijiet tagħna. Kif kien indikat mill-persunal fl-iskola ta' Essunga, "l-unika ħaġa li nistgħu inbiddlu huwa l-mod kif naħdmu".

L-edukazzjoni hija wieħed mill-fatturi ta' suċċess ewlenin ta' ekonomija nazzjonali u l-kwalità tat-tmexxija tidher li hija waħda mill-pedamenti tagħha. Taipale jindika li: "...ix-xogħol tal-prinċipali se jsir ħafna iktar ta' sfida, li joħloq pressjoni biex jiżviluppa s-sistema ta' tmexxija u t-taħriġ tat-tmexxija kollu kemm hu" (2012, p. 42). Iż-żjarat fuq il-post u s-seminars, b'mod partikolari enfasizzaw il-ħtieġa għall-għajnuna għal "prinċipali solitarji".

**It-tmexxija hija fattur kritiku fil-provvediment ta' sostenn ta' kwalità għall-istudenti.** Iż-żjarat tal-proġetti kollha wrew l-importanza tat-tmexxija fl-iżvilupp ta' kultura skolastika pożittiva, rispett għall-istudenti u risponsi flessibbli għad-diversità. Fiż-żjarat kollha, ix-xogħol f'tim, it-tmexxija "kondiviża" jew distribwita u r-relazzjonijiet b'saħħithom kienu iktar fatturi ta' suċċess, flimkien ma' kollaborazzjoni mill-qrib mal-ġenituri.

Skejjel ta' suċċess għandhom ukoll mexxejja li jappoġġjaw l-iżvilupp professjonali, pereżempju billi jużaw is-sommarji tar-riċerka biex jiżviluppaw il-ħsieb u l-prattika. Huwa importanti li l-għalliema jħossuhom appoġġjati. Kif irrimarka/t għalliem/a Awstrijak/a: "Huwa ferm importanti li nkun naf li dejjem ikun hemm persuna li nkun nista' nistaqsiha mistoqsijiet. Inħossni sikur". L-għajnuna għall-persunal għandha tingħata permezz ta' "tim madwar l-għalliema" biex jikkondividu l-għarfien u jibnu l-kompetenza, jipprovdu għodod għal ħtiġijiet u sitwazzjonijiet differenti.

Provvediment effettiv għall-istudenti kollha jeħtieġ attenzjoni ċara fuq it-tagħlim, rikonoxximent tal-kisbiet kollha (mhux biss is-suċċess akkademiku) u b'mod partikolari, sistemi li jippermettu lill-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom u jinfluwenzaw deċiżjonijiet kemm fl-iskola kif ukoll fit-tagħlim tagħhom. L-użu kreattiv tar-riżorsi, bħal permezz tal-iżvilupp tan-netwerks, hija karatteristika oħra ta' tmexxija inklużiva innotata waqt iż-żjarat tal-proġett.

Approċċi oħra għall-organizzazzjoni/l-immaniġġjar tal-provvediment jinkludu: l-użu ta' gruppi ta' tagħlim flessibbli u differenti; estensjoni tal-ġurnata tal-iskola jew tat-termini tal-iskola, tkun permessa flessibbiltà fl-ammont ta' ħin imqatta' fil-klassi regolari u l-adattament tal-ambjent tal-klassi.

Fl-aħħar nett, hemm ħtieġa li l-mexxejja jagħmlu awtoevalwazzjoni biex ikunu responsabbli għall-ġenituri, l-istudenti u l-komunità lokali.

### 3.2. L-edukazzjoni tal-għalliema u l-iżvilupp tal-persunal

L-edukazzjoni tal-għalliema għandha rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-attitudnijiet, kif ukoll tal-għarfien u l-ħiliet. **L-għalliema għandhom ikunu kapaċi jkunu responsabbi għall-istudenti kollha – mhux jiddelegaw lill-assistenti jew lil persunal ieħor.** Għandhom iħarsu lejn it-tfal, billi jibdew bil-ħtiġijiet bażiċi li kollha għandhom komuni bejniethom, iktar milli jaħsbu biss f'termini ta' riżorsi addizzjonali. L-għalliema għandhom jiġu reklutati fuq il-fehim li l-impjieg huwa dwar l-istudenti kollha.

L-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu għandu jsir b'mod kollaborattiv bejn l-iskejjel u l-istituzzjonijiet ta' barra, sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp tal-iskola, kif ukoll bħala għalliema individwali. L-edukaturi tal-għalliema u l-forza tax-xogħol usa' jeħtieġu wkoll taħriġ u għajnuna kontinwa.

Hemm bżonn ta' iktar xogħol biex jiġi esplorat kif l-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jiżviluppaw il-fiduċja, iżidu l-kapaċità biex jintlaħqu l-ħtiġijiet diversi u jiżviluppaw kwalitajiet bħall-impenn, il-fiduċja, l-aċċettazzjoni u r-rispett. Fis-seminars tal-proġett, id-delegati staqsew: kif nistgħu ninkoraġġixxu lin-nies li diġà huma kwalifikati ħafna biex "jitgħallmu" jirriflettu u jaċċettaw l-inċertezza? Ikkonkludew li kemm l-għajnuna minn isfel għal fuq kif ukoll dik minn fuq għal isfel huma meħtieġa b'għajnuna minn "barranin oġġettivi" (pereżempju, f'komunitajiet ta' prattika).

L-għalliema għandhom bżonn ħiliet fil-valutazzjoni u fl-użu tal-għodod, eż. għall-valutazzjoni formattiva u l-valutazzjoni personali għat-tagħlim. Iridu jkunu jafu x'qed jivvalutaw u għaliex u jkunu iktar konxji tal-ħtiġijiet differenti u l-individwalizzazzjoni tat-tagħlim – "it-tagħlim għal dawk tan-nofs" mhuwiex adegwat. L-għalliema għandhom bżonn ukoll ħiliet biex jużaw teknoloġiji ġodda biex jgħinu l-inklużjoni u l-kisba usa'.

Il-kooperazzjoni, in-netwerks professjonali u d-djalogu bejn it-timijiet tal-persunal huma essenzjali biex jiżviluppaw kapaċità individwali u kollettiva.

Fl-aħħar nett, l-għalliema l-ġodda għandhom bżonn mudelli ta' riferiment/mentors u għandu jkun hemm appoġġ kontinwu u żvilupp professjonali kontinwu biex jimpennjaw lill-persunal tal-iskola fir-riflessjoni u t-tijib.

### 3.3. L-iżvilupp taċ-ċentri tar-riżorsi

F'ħafna mill-pajjiżi parteċipanti, kien hemm ċaqliq lejn bini ta' rabtiet iktar mill-qrib bejn skejjel mainstream u speċjali jew l-iżvilupp tal-iskejjel speċjali f'ċentri tar-riżorsi.

Fis-seminars tematiċi, l-esperti staqsew "x'se jagħmlu differenti ċ-ċentri tar-riżorsi?" Jekk dawn iċ-ċentri għandhom jagħtu appoġġ istituzzjonali u individwali, il-ħiliet

speċjalizzati u l-għarfien għandhom jinżammu. Il-persunal taċ-ċentri tar-riżorsi se jkun jeħtieġ tmexxija u appoġġ b'saħħtu u kontinwu biex ikun jista' jissodisfa r-rwoli u r-responsabbiltajiet il-ġodda tiegħu. Għandu jiġi pprovdut iktar taħriġ biex jiġi żgurat li ċ-ċentri tar-riżorsi u s-servizzi ta' għajnuna jkunu mgħammra biex jaħdmu ma' kollegi mainstream, kif ukoll mal-istudenti. Filwaqt li ż-żieda fil-kapaċità tal-iskejjel mainstream għandha tkun parti ewlenija mir-rwol il-ġdid, għandu jkun ċar li l-kompetenza u l-kontribut tal-persunal speċjalizzat dejjem se jkun meħtieġ għal xi studenti (b'mod partikolari dawk li għandhom, pereżempju, debbolezzi sensorji u ħtiġijiet kumplessi).

B'mod ġenerali, in-numru ta' skejjel speċjali jidher li qed jonqos f'ħafna pajjiżi, għalkemm f'xi wħud, in-numru tal-istudenti li jattendu skejjel speċjali qed jiżdied (ta' spiss għal gruppi partikolari ta' studenti, bħal dawk bi ħtiġijiet soċjali, emozzjonali u tal-imġiba u diżabilitajiet kumplessi ħafna). Madankollu, hemm ħafna eżempji ta' skejjel speċjali li qed isiru parti minn "proċess" ta' inklużjoni ta' qasam lokali, b'persunal speċjalizzat li jaħdem b'modi flessibbli biex jgħin joħoloq opportunitajiet aħjar fis-settur mainstream.

Madankollu, għandu jkun enfasizzat li l-iżvilupp taċ-ċentri tar-riżorsi ta' kwalità u servizzi ta' appoġġ jiddependi fuq provvista sostenibbli ta' persunal kwalifikat b'mod adegwat. Filwaqt li kollaborazzjoni ikbar mal-organizzazzjonijiet u l-partijiet interessati volontarji fil-komunità lokali għandha rwol importanti x'tilgħab fil-provvediment ta' servizzi koerenti madwar l-istudenti u l-familji tagħhom, din ma tistax tkun sostitut għall-esperjenza u l-kompetenza.

# 4. L-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-PROVVEDIMENT U APPOĠĠ FL-AMBJENTI MAINSTREAM

Din it-taqsima se tindirizza l-"provvediment" fit-termini tal-approċċi tat-tagħlim, il-kurrikulu u l-valutazzjoni u l-provvediment ta' sostenn fl-ambjenti mainstream.

## 4.1. Approċċi ta' tagħlim

L-approċċi ta' tagħlim użati għall-istudenti b'diżabilità fl-ambjenti mainstream huma simili fil-maġġoranza tal-pajjiżi membri. Dawn jinkludu ħin ta' tagħlim, ikkowċjar fi grupp żgħir/individwali u tagħlim f'tim (it-tqegħid ta' għalliema ta' suġġett mainstream ma' għalliem/a li għandha speċjalizzazzjoni ta' SEN). F'Essunga, l-għalliema intervistati waqt iż-żjara tal-proġett sabu dan l-approċċ bla valur bħala forma ta' żvilupp professjonali u rrikonoxxew li "l-fatt li jkollok żewġ għalliema fil-klassi iġiegħlek ittejjeb u taħseb dwar x'qed tagħmel". Parti importanti ta' dan l-arranġament huwa li l-istudenti kollha jkollhom aċċess għall-għalliema li għandhom kompetenza fis-suġġetti u li l-għalliema tas-suġġetti jkunu appoġġjati biex jestendu r-repertorju tal-approċċi tagħhom biex jilħqu dejjem iktar il-ħtiġijiet diversi fil-klassi.

Bl-istess mod fi Flensburg, it-tagħlim f'tim u l-klassijiet sieħba jintużaw b'effett tajjeb b'enfażi fuq ir-riflessjoni, ix-xogħol f'tim u l-komunikazzjoni. It-timijiet tal-persunal jaċċettaw li huma responsabbli għall-istudenti kollha fil-klassi.

F'xi wħud mill-iskejjel li saret żjara fihom waqt il-proġett, tintuża struttura biex ittejjeb l-użu tal-ħin u tiżgura li l-istudenti kollha jifhmu x'inhu mistenni minnhom. Jiġi pprovdut ikkowċjar fil-metodi ta' studju u l-istudenti jkunu appoġġjati biex jieħdu sehem f'tagħlim iktar attiv. Dawn l-approċċi, flimkien mal-għajnuna tal-istudenti l-oħra, instabu li huma ta' benefiċċju għall-istudenti kollha.

Għall-istudenti li jeħtieġu livell ogħla ta' appoġġ u riżorsi u kompiti differenzjati, wieħed għandu jżomm f'moħħu li d-differenzjazzjoni ta' spiss tista' tkun iffukata fuq l-għalliema, iktar milli mmexxija mill-istudenti, li tipprova tadatta lill-istudenti f'sistema eżistenti milli tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni tal-ambjenti u r-rutini.

## 4.2. Kurrikulu

Aġġustament li sar f'numru ta' pajjiżi huwa li tiġi pprovduta ftit **flessibbiltà għall-adattament tal-kurrikulu jew jitnaqqsu r-rekwiżiti**. L-informazzjoni dwar il-pajjiżi, kif ukoll żjarat u seminars, turi primarjament li attenzjoni fuq il-kisba akkademika/l-istandards nazzjonali tista' tippreżenta ostaklu għall-inklużjoni. F'pajjiżi fejn il-kurrikulu qed jgħaddi minn riforma, hemm enfażi fuq l-aċċess għall-qafas tal-kurrikulu – iżda wkoll rikonoxximent li għal xi studenti, b'mod partikolari dawk b'diżabilità intellettwali, se jkun hemm ħtieġa li l-kontenut jiġi adattat jew anke li l-

oqsma tal-kurrikulu jintużaw bħala kuntesti għat-tagħlim fejn l-għarfien ma jkunx ikkunsidrat rilevanti/adegwat.

F'xi każijiet, il-pressjonijiet taż-żmien maħluqin minn kurrikulu preskritt b'mod peżanti jistgħu joħolqu iktar diffikultajiet għall-iskejjel, peress li l-għalliema jistgħu jħossu l-ħtieġa li jaderixxu ma' metodi "tradizzjonali" ta' tagħlim u valutazzjoni li jaf ma jkunux iffukati fuq l-istudent.

## 4.3. Valutazzjoni

Filwaqt li numru ta' pajjiżi qed jitbiegħdu milli jużaw kategoriji ta' ħtieġa li għandhom x'jaqsmu ma' diżabilitajiet differenti, din il-prattika għadha prevalenti. Florian u l-kollegi (2006) jindikaw li filwaqt li s-sistemi ta' klassifikazzjoni jistgħu jvarjaw ħafna bejn pajjiżi differenti, mudell mediku tad-diżabilità normalment isostnihom u iktar riċenti, ir-rapport tan-Netwerk ta' Esperti fix-Xjenzi Soċjali tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (NESSE) li s-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-pajjiżi huma sostnuti minn kunċettwalizzazzjonijiet differenti ta' differenza u normalità. Minn naħa waħda, il-proċess ta' tikkettjar jiġġustifika l-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali u jiżgura li jsiru aġġustamenti raġonevoli; min-naħa l-oħra, it-tikkettjar jista' jwassal "għas-segregazzjoni soċjali u l-iżvilupp ta' identità mħassra" (NESSE, 2012, p. 20).

Bir-rikonoxximent ta' din id-dilemma, qed toħroġ firxa ta' politiki. Xi pajjiżi jużaw il-kategoriji transnazzjonali tal-OECD – A: Diżabilitajiet, B: Diffikultajiet u Ċ: Żvantaġġi (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, 2005) – filwaqt li oħrajn jużaw il-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Funzjonament, Diżabilità u Saħħa.

Pajjiżi oħrajn jiffukaw fuq il-ħtiġijiet individwali tul sostenn kontinwu. F'tentattiv biex titnaqqas il-burokrazija tal-valutazzjoni fit-tul ta' diversi aġenziji, xi pajjiżi qed jintroduċu valutazzjoni integrata u proċess ta' ppjanar li jinvolvi lill-aġenziji kollha fil-produzzjoni ta' pjan ta' appoġġ ikkoordinat, b'mod partikolari għall-istudenti bi ħtiġijiet iktar kumplessi.

Il-valutazzjoni normalment issir minn tim multidixxiplinarju/ċentru speċjalizzat, li ta' spiss jaħdem mal-iskola (u mal-ġenituri) fil-proċess tal-valutazzjoni. Dawn iċ-ċentri/timijiet (li ta' spiss jaħdmu fuq bażi reġjonali) jipprovdu sostenn fit-termini ta' pariri pedagoġiċi u riżorsi u f'xi pajjiżi jieħdu wkoll deċiżjonijiet ta' kollokament.

Il-valutazzjoni tista' ta' spiss tintalab ukoll mill-iskejjel jew mill-ġenituri, li qed jiġu involuti dejjem iktar fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Fil-livell skolastiku, qafas ta' valutazzjoni li jinforma t-tagħlim u l-istudju u li jinvolvi lill-istudenti nfushom – kif huwa rrakkomandat mix-xogħol tal-Aġenzija dwar il-valutazzjoni inklużiva (Aġenzija Ewropea, 2009) – huwa iktar probabbli li jappoġġja l-prattika inklużiva. Fi Vjenna, ir-rapport dwar iż-żjara fl-iskejjel jindika li l-enfażi hija fuq x'jistgħu jagħmlu l-istudenti, is-smigħ tal-feedback tal-istudenti u jsiru kummenti

fuq ix-xogħol/il-prestazzjoni tagħhom, minflok jingħataw marki. **Huwa meħtieġ li l-istudenti jingħataw aċċess għal qafas ta' valutazzjoni flessibbli bi struttura u bi prinċipji komuni, minflok qafas dettaljat u preskrittiv li jassumi approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd".**

## 4.4. Organizzazzjoni ta' sostenn

Fil-maġġoranza tal-pajjiżi, hemm fis-seħħ xi forma ta' edukazzjoni/sostenn/pjan ta' tagħlim individwali u għalkemm l-ismijiet mogħtija lil dawn ivarjaw, il-funzjoni hija ġeneralment l-istess. Il-pajjiżi jistgħu jagħmlu referenza għas-sostenn pedagoġiku, il-personalizzazzjoni u l-attenzjoni għall-ambjent tat-tagħlim u l-koordinazzjoni tas-servizzi kollha involuti mal-istudent. Dawn il-pjanijiet huma meqjusin li huma ta' importanza partikolari fi żminijiet ta' tranżizzjoni bejn il-fażijiet tal-edukazzjoni.

Minħabba li l-iskejjel jagħmlu ħilithom biex itejbu l-edukazzjoni bażika li joffru, ċertu livell ta' sostenn huwa kkunsidrat bħala n-norma għall-istudenti kollha fi żminijiet differenti tul l-edukazzjoni tagħhom u qed issir referenza dejjem iżjed għal "sostenn kontinwu" biex tiġi introdotta flessibbiltà sabiex jiġu mwieġba l-ħtiġijiet tal-istudenti.

L-approċċi kollaborattivi urew li huma effettivi fl-iskejjel li saret żjara fihom, b'persunal ta' għalliema u professjonisti minn firxa ta' dixxiplini jaħdmu flimkien. Pereżempju, għalliema ta' edukazzjoni speċjali, konsulenti, kowċis, professjonisti tas-saħħa u l-assistenti soċjali jistgħu jiffurmaw "newterk" madwar kwalunkwe student li jeħtieġ l-għajnuna. **Ix-xogħol f'tim effettiv iżid il-probabbiltà tal-ħtieġa għas-sostenn identifikat – u indirizzat – kemm jista' jkun malajr.**

Forom oħra ta' sostenn għall-istudenti jinkludu sostenn għall-komunikazzjoni (pereżempju, il-lingwa tas-sinjali, Braille, simboli), ta' spiss ipprovduti flimkien ma' għajnuniet speċjalizzati/tagħmir u kontribut mingħand għalliema speċjalizzati/mobbli. L-assistenti tal-għajnuna għat-tagħlim (LSAs) jintużaw ukoll f'ħafna pajjiżi. Iż-żjara f'Malta wriet li l-użu tal-assistenti jeħtieġ ġestjoni b'attenzjoni biex jiġi evitat li l-istudenti jsiru dipendenti. L-LSAs qed jaraw dejjem iktar ir-rwol tagħhom bħala parti minn tim, jaħdmu biex jappoġġjaw lill-istudenti kollha fil-klassi, mhux biss lill-istudenti b'diżabilità.

B'mod partikolari għall-istudenti bi ħtiġijiet iktar kumplessi, huwa meħtieġ li tinżamm il-kompetenza fi ħdan it-timijiet tal-persunal biex jiġi żgurat li l-istudenti jkollhom aċċess għal riżorsi adegwati u tagħmir speċjalizzat, kif ukoll tagħlim ta' kwalità għolja li jfassal l-għarfien u l-esperjenza ta' ħtiġijiet ta' għajnuna partikolari.

## 5. KOLLABORAZZJONI U NETWERKING

Din it-taqsima se tindirizza sistemi ta' kollaborazzjoni u netwerking li jipprovdu appoġġ ta' diversi aġenziji lill-istudenti bħala parti integrali mill-edukazzjoni tagħhom.

### 5.1. Sostenn fil-livell tal-komunità

Iż-żjarat tal-proġett tal-Organizzazzjoni għall-Provvediment urew l-importanza tal-iskejjel li jirċievu għajnuna mill-politikanti lokali u l-amministrazzjonijiet edukattivi. Fiż-żjarat kollha tal-proġett, il-persunal ewlieni fil-komunità lokali wera impenn ġenwin lejn il-benesseri tal-istudenti. Ir-rwoli ta' dawn in-nies jinkludu l-mistoqsijiet ta' xi suppożizzjonijiet dwar il-mod ta' kif kienu saru l-affarijiet fil-passat u li jafdaw it-teħid tad-deċiżjonijiet f'idejn il-mexxejja tal-iskejjel, anke jekk ikun hemm element ta' riskju involut. Relazzjonijiet sodi bejn partijiet interessati differenti fil-komunità wasslu għal netwerks ta' appoġġ b'saħħithom madwar l-iskola li kienu ewlenin biex iġibu l-bidla.

Is-servizzi ta' diversi aġenziji fil-komunità jeħtieġ li jaħdmu mill-qrib mal-iskejjel – u mal-ġenituri – sabiex l-għajnuna tkun konsistenti bejn l-ambjenti. Il-persunal li jaf lit-tifel/tifla u lill-familja jista' jipprovdi għajnuna fl-ambjent tal-edukazzjoni u tal-komunità. Biex tkun appoġġjata ċaqliqa lil hinn mill-mudell "mediku", is-servizzi li tradizzjonalment jiġu pprovduti taħt is-saħħa jistgħu jiġu bbażati fl-iskejjel jew fiċ-ċentri tal-komunità lokali, kemm għall-faċilità tal-aċċess kif ukoll biex titjieb il-komunikazzjoni fost il-professjonisti minn dixxiplini differenti. Fi kwalunkwe mudell, it-tifel/tifla għandu jkun/għandha tkun "fil-qalba" tas-servizzi kkoordinati li għandu jkollhom rwol fis-sostenn ta' kemm l-iskejjel kif ukoll tal-familji. Dan kien rifless fi stqarrija magħmula minn spettur tal-muniċipalità waqt iż-żjara ta' Flensburg:

> *... it-tifel/tifla b'diżabilità jsir/issir iċ-ċentru tal-organizzazzjoni tal-għajnuna u s-servizzi huma s-satelliti li jduru madwar l-istudent. L-atturi kollha fil-komunità jikkollaboraw b'mod kontinwu u jiltaqgħu fuq bażi regolari biex jipprovdu l-aħjar għajnuna għat-tfal b'diżabilità.*

Fis-seminars, il-parteċipanti indikaw li l-koordinazzjoni bejn l-aġenziji u oħrajn – pereżempju, il-gruppi volontarji – hija fattur ewlieni u tista' tipprovdi għajnuna lill-iskejjel/għalliema biex jappoġġjaw l-iżvilupp olistiku tat-tfal. Is-servizzi għandhom jappoġġjaw il-bidla tal-ambjent, mhux biss tal-individwu.

Fl-aħħar nett, biex l-aġenziji jingħaqdu flimkien, huwa meħtieġ perjodu ta' konsolidazzjoni biex jinbnew oqfsa kondiviżi (eż. valutazzjoni kondiviża, prijoritajiet ta' fondi kondiviżi, żvilupp professjonali kondiviż), kif ukoll evalwazzjoni kondiviża. **Il-kultura, il-binjiet professjonali u l-aspettattivi għandhom ikunu kondiviżi bejn l-**

**aġenziji u approċċi pedagoġiċi u ta' diversi aġenziji għandhom jiġu kkombinati biex jużaw ir-riżorsi bl-aħjar mod.**

## 5.2. L-involviment tal-ġenituri

**L-involviment tal-ġenituri fit-tagħlim ta' uliedhom huwa fattur ewlieni fl-iżvilupp tar-relazzjonijiet ta' fiduċja bejn l-iskejjel u l-familji.** Fiż-żjarat tal-proġett, kien evidenti li l-kollaborazzjoni mal-ġenituri hija aspett ewlieni ta' sostenn għall-istudenti, peress li l-ġenituri huma dawk li jagħtu l-iktar appoġġ lit-tfal tagħhom.

Fl-intervisti li saru waqt iż-żjarat tal-proġetti, il-ġenituri enfasizzaw li jixtiequ jkunu involuti fl-iżviluppi skolastiċi, li jkunu infurmati dwar il-progress tat-tifel/tifal tagħhom u li jkunu involuti fil-proċess tat-tagħlim. Japprezzaw meta l-għalliema jiffukaw fuq x'jistgħu jagħmlu l-istudenti, milli fuq l-isfidi.

Fis-seminars, il-parteċipanti enfasizzaw li l-ġenituri għandhom drittijiet, iżda jeħtieġu gwida onesta – mhux pariri professjonali kontradittorji – biex ikunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata. Il-familji għandhom ikunu involuti fi kwalunkwe valutazzjoni u għandhom ikunu awtorizzati jsegwu l-progress tat-tfal tagħhom. Il-ġenituri huma l-aħjar avukati għat-tfal tagħhom, iżda jistgħu jinfluwenzaw ukoll il-politika kif ukoll il-kollokament tat-tifel tagħhom.

Fl-aħħar nett, għalkemm il-pressjoni għar-riżultati qed tiżdied fl-iskejjel madwar l-Ewropa kollha, l-evidenza turi li l-inklużjoni ma twassalx għal riżultati agħar u li l-benefiċċji tal-inklużjoni għandhom ikunu enfasizzati.

## 6. IL-FINANZJAMENT U R-RIŻORSI

Din it-taqsima se tindirizza l-użu effettiv u effiċjenti tar-riżorsi għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u l-immirar għall-appoġġ.

Skont Booth u Ainscow, ir-riżorsi għandhom jitqiesu b'mod usa' milli bħal flus, apparat jew persunal. Billi jadottaw fehim wiesgħa, il-komunitajiet tal-iskejjel għandhom jitgħallmu jidentifikaw ir-riżorsi li huma disponibbli fi kwalunkwe skola, iżda li għadhom mhumiex użati. Booth u Ainscow jgħidu li dawn ir-riżorsi jistgħu jinstabu "fi kwalunkwe aspett ta' skola; fl-istudenti, il-ġenituri/l-indukraturi, il-komunitajiet u l-għalliema; fi sfidi fil-kulturi, politiki u prattiċi" (2002, p. 5). Kif jindikaw Kesälahti u Väyrynen:

> *Fl-iskejjel inklużivi, għandna nagħmlu sforzi biex nidentifikaw ir-riżorsi fl-istudenti billi jkollna fiduċja fil-kapaċità tagħhom biex nidderieġu t-tagħlim tagħhom u l-kapaċità biex nappoġġjaw lil xulxin. L-istess japplika għall-persunal tal-iskola. Jista' jkollhom ideat, ħiliet, inizjattivi jew għarfien ta' x'joħloq ostakli għat-tagħlim u l-parteċipazzjoni* (2013, p. 81).

Ħafna mill-pajjiżi jirċievu fondi għall-edukazzjoni tal-istudenti b'diżabilità mill-gvern ċentrali. F'xi pajjiżi, il-fondi jiġu mgħoddija lill-awtoritajiet lokali jew lill-muniċipalitajiet. F'oħrajn, hemm taħlita ta' fondi ċentrali u lokali. Rigward l-edukazzjoni speċjali, ħafna mill-pajjiżi jipprovdu fondi ċentrali għal persunal addizzjonali, tagħmir speċjalizzat u trasport.

Għall-istudenti b'diżabilità, il-fondi jkunu normalment marbuta mal-valutazzjoni tal-istudenti. F'ħafna mill-pajjiżi, tinkiteb stqarrija jew deċiżjoni formali minn tim speċjalizzat/ta' diversi aġenziji jew minn ċentru ta' riżorsa, sabiex jassiguraw rwieħhom minn fondi addizzjonali.

Wara l-valutazzjoni, ħafna mill-pajjiżi jallokaw numru ta' "sigħat ta' SEN" addizzjonali jew ħin ta' LSA.

F'xi pajjiżi, numru ta' sigħat ta' għajnuna addizzjonali issa huwa inkluż fi provvediment regolari. Il-valutazzjoni pedagoġika u l-appoġġ pedagoġiku huma allokati bħala parti mis-sistema regolari. F'ħafna pajjiżi, il-muniċipju jista' jipprovdi fondi addizzjonali għall-għajnuna, tagħmir jew persunal addizzjonali (LSAs). Sabiex jappoġġjaw l-inklużjoni, numru żgħir ta' pajjiżi jnaqqsu n-numru ta' studenti fil-klassijiet fejn ikun hemm studenti b'diżabilità.

Xi pajjiżi joperaw sistema ta' "backpack" jew ta' "pupil basket" permezz tal-muniċipalitajiet. Hawnhekk, il-fondi jsegwu lill-istudenti. Madankollu, din it-tip ta' sistema "marbuta mal-istudent" tipprovdi biss riżorsi addizzjonali lil dawk b'diffikultajiet identifikati li jissodisfaw il-kriterji tas-SEN, filwaqt li oħrajn li jaf ikunu fil-bżonn ma jistgħux jaċċessaw l-għajnuna.

Studju reċenti mwettaq fl-Awstrija jindika li l-appoġġ orjentat lejn l-input – b'rata fissa għall-iskejjel ibbażati fuq in-numru ta' studenti rikonoxxuti bħala li għandhom SEN – ma jirrispondix biżżejjed, għaliex il-bżonnijiet ivarjaw fost l-istudenti u tul iż-żmien. Mudell ta' riżultati ukoll huwa meqjus bħala problematiku, għaliex ir-riżorsi jiġu rtirati jekk programm ikun ta' suċċess. **Hemm ħtieġa li nimxu minn sistema li tippremja dan in-nuqqas ta' suċċess, għal mudell ta' appoġġ u prevenzjoni bikrija.**

Kunsiderazzjoni oħra hija li **l-appoġġ mogħti lil studenti individwali mhux bilfors itejjeb il-kapaċità tas-sistema skolastika**. Jekk l-iskola tiffoka fuq il-kwantità milli fuq il-kwalità tar-riżorsi, mhuwiex probabbli li jsiru l-bidliet meħtieġa fil-mod ta' kif is-sistemi u l-persunal tal-iskejjel mainstream jirrispondu għall-istudenti (Frattura u Capper, 2007).

L-iskejjel, iktar milli jitħabtu bir-riżorsi "addizzjonali" limitati disponibbli għalihom, jistgħu jiżviluppaw netwerks kosteffettivi ta' appoġġ u żvilupp professjonali li jinvolvu l-kollaborazzjoni bejn il-partijiet interessati lokali u l-iskejjel lokali/iċ-ċentri ta' appoġġ (Ainscow et al., 2006; Benoit, 2012; Ebersold, 2012). Eżempji ta' din il-prattika dehru waqt iż-żjarat tal-proġett, kif juru l-kwotazzjonijiet li ġejjin:

"Huwa possibbli li tbiddel skola bir-riżorsi disponibbli" (Kap Eżekuttiv, Kap tal-Edukazzjoni u s-Servizzi Soċjali, Essunga).

"... ma kinitx kwistjoni li jingħataw iktar riżorsi lill-iskola, iżda li jintużaw dawk li diġà kellna b'mod differenti" (Prinċipal tal-Iskola, Flensburg).

# 7. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## 7.1. Konklużjonijiet

Il-qafas kunċettwali għall-proġett tal-Organizzazzjoni għall-Provvediment jirrikonoxxi li sabiex isir progress lejn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-istudenti b'diżabilità, il-pajjiżi jridu jimxu mill-organizzazzjoni għall-provvediment f'termini ta' sostenn individwali (ta' spiss ibbażat fuq dijanjożi medika) għall-analiżi ta' kif jiġu organizzati s-sistemi biex isostnu l-iskejjel mainstream biex jissodisfaw ir-rekwiżiti – u jissodisfaw id-drittijiet – tal-istudenti kollha. Il-proċess tal-inklużjoni għalhekk għandu jiffoka fuq il-bini tal-kapaċità tal-iskejjel mainstream biex jipprovdu għad-diversità tal-istudenti, minflok jiddistribwixxu riżorsi addizzjonali biex jilħqu l-ħtiġijiet ta' gruppi magħżula.

Biex tkun sostnuta bidla fis-sistema, għandu jinbena fehim kondiviż ta' inklużjoni u viżjoni u valuri relatati fost il-partijiet interessati fil-livelli kollha, b'fehma komuni ta' kwalità u metodi ta' evalwazzjoni li jappoġġjaw il-prattika inklużiva.

Il-parteċipanti tal-proġett enfasizzaw il-ħtieġa għall-pajjiżi li jiżviluppaw leġiżlazzjoni li tirrikonoxxi d-drittijiet tat-tfal kollha – inkluż tfal b'diżabilità – għal għajnuna bikrija, edukazzjoni ta' kwalità (mingħajr diskriminazzjoni) u parteċipazzjoni sħiħa fl-attivitajiet edukattivi kollha. Filwaqt li huwa importanti li jiġu bbilanċjati d-drittijiet tal-partijiet interessati kollha, l-istudenti għandhom jinżammu fiċ-ċentru. Kemm il-UNCRC kif ukoll l-UNCRPD għandhom jissemmew meta tkun qed tiġi żviluppata leġiżlazzjoni nazzjonali u politika edukattiva u għandha tingħata attenzjoni għall-korrispondenza bejniethom.

Jeħtieġ li jiġu żviluppati netwerks biex jgħinu lill-mexxejja tal-iskejjel bħala aġenti tal-bidla u biex jiżguraw li jieħdu approċċ ta' "tim" u jiżviluppaw spirtu pożittiv u kultura li tirrispetta lill-persunal u lill-istudenti kollha. Għandhom jaħdmu flimkien mal-mexxejja lokali u mal-membri tal-komunità biex janalizzaw il-kuntest tal-iskola u jippjanaw modi ta' kif jimxu 'l quddiem biex jiżviluppaw "kapaċitajiet strateġiċi", inkluż fokus ċar fuq it-tagħlim, relazzjonijiet b'saħħithom, komunikazzjoni miftuħa, kolleġjalità, prattika riflettiva u approċċ kreattiv għas-soluzzjoni tal-problemi.

Kif jindika Peters, l-edukazzjoni individwalizzata hija "dritt universali, mhux ħtieġa ta' edukazzjoni speċjali" (2004, p. 42). L-istudenti kollha huma intitolati għal kurrikulu rilevanti u ta' impenn (inkluż attivitajiet barra mill-iskola), valutazzjoni tajba għall-iskop, opportunitajiet ta' tagħlim "ekwivalenti" u pedagoġija li tagħraf u tilħaq kapaċitajiet differenti "mill-ewwel" (disinn universali). B'dan il-mod, l-edukazzjoni ta' kwalità għandha tkun imfassla biex tkun adattata għall-istudenti, aktar milli biex tiġi adattata mal-istrutturi amministrattivi tal-iskejjel.

Hemm ukoll ħtieġa li jiġu indirizzati dawn li ġejjin, li jistgħu jiffurmaw ostakli biex iżidu l-ekwità: nuqqas ta' ħsieb, nuqqas li tiġi rrispettata d-differenza, ir-razzjonalizzazzjoni tal-imġiba ħażina (inwaħħlu f'ħaddieħor), jinżammu prattiki bla suċċess u jkunu aċċettati attitudnijiet negattivi fil-komunità tal-iskola. Hawnhekk, l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu għandhom rwol kruċjali.

Sabiex ikun organizzat sostenn effettiv għall-istudenti kollha, b'mod partikolari dawk b'diżabilità, l-esperti tal-proġett indikaw ukoll il-ħtieġa għal viżjoni sistemika li tiffoka fuq l-iżvilupp tal-kapaċità fil-livelli kollha tas-sistema. Huma meħtieġa rabtiet sodi bejn il-livelli kollha tas-sistema (jiġifieri, bejn dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u lokali u l-mexxejja tal-edukazzjoni, il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, professjonisti oħrajn, l-istudenti u l-familji) biex jiġi żgurat approċċ koerenti.

Kwistjoni oħra enfasizzata mill-esperti hija l-ħtieġa li jiġi ċċarat ir-rwol il-ġdid ta' skejjel speċjali u tal-persunal ta' appoġġ (eż. l-LSAs) bħala riżorsi biex itejbu l-provvediment għall-istudenti kollha fl-iskejjel mainstream. Indikaw il-ħtieġa li jżommu l-persunal speċjalista, iżda jużawh b'mod kreattiv biex jappoġġjaw il-prattika tal-iskola kollha, kif ukoll lill-istudenti individwali, l-iżvilupp ta' sostenn flessibbli fil-mainstream bħala "n-norma". Għandu jkun rikonoxxut li se jkun hemm żminijiet meta se tkun meħtieġa dik il-ħaġa "addizzjonali" mill-istudenti kollha u l-istaff personalizzat se jkompli jkun meħtieġ, b'mod partikolari għad-diżabilitajiet ta' inċidenza baxxa.

Fl-aħħar nett, dwar il-kwistjonijiet tal-fondi u r-riżorsi, minflok jitħabtu bir-riżorsi "addizzjonali" limitati disponibbli għalihom, l-iskejjel jistgħu jiżviluppaw netwerks kosteffettivi ta' appoġġ u żvilupp professjonali li jinvolvu l-kollaborazzjoni bejn il-partijiet interessati lokali u l-iskejjel lokali/iċ-ċentri ta' appoġġ (Ainscow et al., 2006; Benoit, 2012; Ebersold, 2012).

## 7.2. Rakkomandazzjonijiet

Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin, ibbażati fuq ir-riżultati prinċipali tal-proġett, huma indirizzati għal dawk li jfasslu l-politiki u jimmiraw li jtejbu sistemi ta' għajnuna għall-istudenti kollha, b'mod partikolari dawk b'diżabilità fl-iskejjel mainstream.

### *7.2.1. Id-drittijiet tat-tfal u l-parteċipazzjoni*

Dawk li jfasslu l-politika għandhom:

- Jirrevedu l-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-politika tal-edukazzjoni biex jiżguraw li huma konsistenti u jsostnu b'mod attiv il-prinċipji kemm tal-UNCRC kif ukoll tal-UNPRD u jiddefendu d-dritt tal-istudenti kollha għall-parteċipazzjoni sħiħa fl-iskola mal-grupp ta' ħbieb lokali tagħhom. Dan b'mod partikolari jinkludi:

- id-dritt għall-edukazzjoni u l-inklużjoni;
- in-non-diskriminazzjoni fuq il-bażi tad-diżabilità;
- id-dritt tat-tfal biex jesprimu l-opinjoni tagħhom;
- aċċess għall-assistenza.

### *7.2.2. Ċarezza kunċettwali u koerenza*

Dawk li jfasslu l-politika għandhom:

- Jiċċaraw il-kunċett ta' inklużjoni tul u bejn il-livelli tas-sistema bħala aġenda li żżid il-kwalità u l-ekwità għall-istudenti kollha, jindirizzaw in-nuqqas ta' riżultati mill-gruppi vulnerabbli kollha, inkluż tfal b'diżabilità. Dawk li jfasslu l-politiki edukattivi kollha għandhom ikunu responsabbli għall-istudenti **kollha**.
- Jikkunsidraw ir-rabtiet bejn il-livelli tas-sistemi (jiġifieri, bejn dawk li jfasslu l-politiki lokali u nazzjonali, edukazzjoni lokali/mexxejja skolastiċi, għalliema, professjonisti oħrajn u studenti u l-familji tagħhom) u jtejbuhom permezz ta' kollaborazzjoni u sħubiji koerenti bejn il-ministeri u s-servizzi lokali. Din l-azzjoni għandha twessa' l-perspettivi, iżżid il-fehim reċiproku u tibni "kapaċità inklużiva" tas-sistema edukattiva kollha.
- Jipprovdu inċentivi għall-iskejjel biex jieħdu lill-istudenti kollha mill-komunità lokali u jiżguraw li l-metodi ta' valutazzjoni, l-ispezzjonijiet u miżuri ta' kontabiltà oħra jsostnu l-prattika inklużiva u jinfurmaw iktar titjib tal-provvediment għall-istudenti kollha.

### *7.2.3. Sostenn kontinwu*

Dawk li jfasslu l-politika għandhom:

- Jiżviluppaw "sostenn kontinwu" għall-għalliema, il-persunal ta' għajnuna u b'mod partikolari, għall-mexxejja tal-iskejjel permezz tal-użu tar-riċerka, in-networking u rabtiet mal-universitajiet u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tal-għalliema inizjali, sabiex jipprovdu opportunitajiet ta' żvilupp għall-gruppi kollha bħala studenti tul il-ħajja.
- Jiżviluppaw ir-rwol ta' skejjel speċjali bħala riżorsa biex iżidu l-kapaċità tal-iskejjel mainstream u jtejbu l-għajnuna għall-istudenti. Hemm il-ħtieġa li jinżammu u li jkomplu jiġu żviluppati l-għarfien speċjalizzat u l-ħiliet tal-persunal taċ-ċentri tar-riżorsi b'mod li jkunu jistgħu jgħinu lill-persunal tal-iskejjel (pereżempju, permezz tal-konsulenza u l-kollaborazzjoni), kif ukoll li jiġi pprovdut netwerk speċjalizzat li jtejjeb l-għajnuna għall-istudenti, bħal dawk li għandhom diżabilità b'inċidenza baxxa.

- Jiżviluppaw oqfsa ta' kurrikulu u valutazzjoni iktar aċċessibbli u jappoġġjaw flessibbiltà ikbar fil-pedagoġija, l-organizzazzjoni tal-iskejjel u l-allokazzjoni tar-riżorsi, sabiex l-iskejjel ikunu jistgħu jaħdmu b'modi innovattivi biex jiżviluppaw sostenn kontinwu għall-istudenti, minflok ipoġġuhom f'sistema eżistenti.

## 7.3. Rimarki konklużivi

L-attivitajiet tal-proġett tal-Organizzazzjoni għall-Provvediment jappoġġjaw il-ħtieġa li ssir transizzjoni minn mudell (ibbażat fuq il-ħtiġijiet) ta' defiċit ta' diżabilità, li jsib il-problema fl-istudent, għal mudell li jikkunsidra d-drittijiet tal-istudenti fi ħdan l-edukazzjoni, li jiżgura li kollha jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess tat-tagħlim. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal ċaqliqa mill-provvediment ta' organizzazzjoni fit-termini ta' appoġġ individwali, għal kif is-sistemi ta' appoġġ jistgħu jkunu organizzati biex jagħmlu l-iskejjel mainstream iktar kapaċi biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istudenti kollha għal edukazzjoni ta' kwalità.

Biex nikkwotaw lil Ebersold et al.: "L-isforzi lejn l-inklużjoni fil-mainstream prinċipalment isiru għal dawk li "jsibu ruħhom tajjeb" fi ħdan is-sistema kif inhi" (2011, p. 10). Il-pubbliku destinatarju għal dan il-proġett – l-istudenti b'diżabilità – jaf ikollhom bżonn għajnuna sinifikanti biex 'isibu ruħhom tajjeb' fi ħdan is-sistemi eżistenti. Madankollu, kif juru l-eżempji studjati f'dan il-proġett, is-sistemi edukattivi u l-iskejjel mainstream jistgħu jiġu "trasformati" biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' għajnuna għal dan il-grupp – u jkunu ta' benefiċċju għall-istudenti kollha.

Sabiex jiġi organizzat sostenn effettiv għall-istudenti kollha, inkluż dawk b'diżabilità, l-esperti tal-proġett enfasizzaw il-ħtieġa għal approċċ sistemiku u koerenti li jiffoka fuq l-iżvilupp ta' rabtiet sodi u appoġġ reċiproku bejn il-livelli kollha tas-sistema.

Waqt l-attivitajiet tal-proġett, l-eżempji ta' provvediment enfasizzaw għajnuna għat-tagħlim – għal kulħadd – u wrew li, fi skejjel li jipprovdu opportunitajiet għall-istudenti kollha biex jipparteċipaw fuq bażi ugwali, dawk b'diżabilità jistgħu "jitgħallmu mingħajr limiti" (Hart et al., 2004). Kif spjega għalliem fis-Slovenja: "Aħna naħdmu għall-ħajja – mhux għal lezzjoni waħda".

## 8. REFERENZI


Ainscow, M., Muijs, D. u West, M., 2006. "Collaboration as a strategy for improving schools in challenging circumstances" [Kollaborazzjoni bħala strateġija għat-titjib tal-iskejjel f'ċirkostanzi ta' sfida] *Improving Schools*, 9, 192–202

Benoit, H., 2012. "Pluralité des acteurs et pratiques inclusives: les paradoxes de la collaboration" [Il-pluralita tal-atturi u prattiċi inklussivi: il-paradossi tal-kollaborazzjoni] *La nouvelle revue de l'adaptation et de la scolarisation*, 57, Marzu 2012, INS HEA, 65–79

Booth, T. u Ainscow, M., 2002. *Index for Inclusion. Developing learning and participation in schools* [Indiċi għall-inklużjoni. L-iżvilupp tat-tagħlim u l-parteċipazzjoni fl-iskejjel]. Bristol: Centre for Studies on Inclusive Education

Crawford, C. u Porter, G.L., 2004. *Supporting Teachers: A Foundation for Advancing Inclusive Education* [Appoġġ lill-Għalliema: Fondazzjoni għall-Avvanzar tal-Edukazzjoni Inklużiva]. Toronto: L'Institut Roeher Institute

Ebersold, S., 2012. "Parcours de scolarisation et cooperation: enjeux conceptuels et méthodologiques" [Reġistrazzjoni f'korsijiet u l-kooperazzjoni: kwistjonijiet kunċettwali u metodoloġiċi] *La nouvelle revue de l'adaptation et de la scolarisation*, 57, Marzu 2012, INS HEA, 45–55

Ebersold, S., Schmitt. M.J. u Priestley, M., 2011. *Inclusive Education for Young Disabled People in Europe: Trends, Issues and Challenges. A Synthesis of Evidence from ANED Country Reports and Additional Sources* [Edukazzjoni Inklużiva għal Żgħażagħ b'Disabilità fl-Ewropa: Tendenzi, Kwistjonijiet u Sfidi. Sommarju tal-Evidenza minn Rapporti tal-Pajjiżi tal-ANED u Sorsi Addizzjonali]. Rapport għan-Netwerk Akkademiku tal-Esperti tad-Diżabilità Ewropej. Ippubblikat minn Human European Consultancy u mill-Università ta' Leeds

Florian, L., Hollenweger, J., Simeonsson, R.J., Wedell, K., Riddell, S., Terzi, L. u Holland, A., 2006. "Cross-Cultural Perspectives on the Classification of Children with Disabilities: Part I. Issues in the Classification of Children with Disabilities" [Perspettivi Kross-Kulturali dwar il-Klassifikazzjoni ta' Tfal b'Disabilitajiet: Parti I. Kwistjonijiet fil-Klassifikazzjoni ta' Tfal B'Disabilitajiet] *Journal of Special Education*, Mejju 2006, 40 (1), 36–45

Frattura, E.M. u Capper, C.A., 2007. *Leading for Social Justice: Transforming Schools for All Learners* [Tmexxija għal Ġustizzja Soċjali: Trasformazzjoni tal-Iskejjel għall-Istudenti Kollha]. Thousand Oaks, CA: Corwin Press

Hart, S., Dixon, A., Drummond, M.J. u McIntyre, D., 2004. *Learning without Limits* [Tagħlim bla Limitu]. Maidenhead: Open University Press

Kesälahti, E. u Väyrynen, S., 2013. *Learning from our Neighbours: Inclusive Education in the Making* [Tagħlim mill-Ġirien tagħna: L-Għemil tal-Edukazzjoni Inklużiva]. Rapport maħruġ bħala parti minn School for All – Development of Inclusive Education Project [Skejjel għal Kulħadd – Żvilupp tal-Proġett tal-Edukazzjoni Inklużiva] iffinanzjat mill-UE (Kolartic ENPI CBC). Rovaniemi: Università ta' Lapland

Komunitajiet Ewropej, 2000. "Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea" (2000/C 364/01) *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, C 364, 18 ta' Diċembru 2000 (Aċċessat l-aħħar f'Novembru 2014)

Kummissjoni Ewropea, 2010. *KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI. Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli*. /* KUMM/2010/0636 finali */ (Aċċessat l-aħħar f'Novembru 2014)

Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2009. "Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020)" *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, C 119, 28.5.2009, 2–10 (Aċċessat l-aħħar f'Novembru 2014)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2009. *It-Twettiq fil-Prattika tal-Assessjar Inklużiv*. Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2011. *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva – Rakkomandazzjonijiet għall-Prattika*. Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (Aċċessat l-aħħar f'Novembru 2014)

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku, 2005. *Students with Disabilities, Learning Difficulties and Disadvantages: Statistics and Indicators*. [Studenti b'Disabilitajiet, Diffikultajiet u Żvantaġġi fit-Tagħlim: Statistiċi u Indikaturi] Pariġi: OECD

Nazzjonijiet Uniti, 1989. *Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal*. New York: Nazzjonijiet Uniti

Nazzjonijiet Uniti, 2006. *Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità*. New York: Nazzjonijiet Uniti

Netwerk ta' Esperti fix-Xjenzi Soċjali tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (NESSE), 2012. *Education and Disability/Special Needs. Policies and practices in education, training and employment for students with disabilities and special educational needs in the EU* [Edukazzjoni u Disabilitajiet/Ħtiġijiet Speċjali. Politiki u prattiċi fl-edukazzjoni, it-

taħriġ u l-impjiegi għall-istudenti b'disabilitajiet u ħtiġijiet edukattivi speċjali fl-UE]. Rapport ippreparat għall-Kummissjoni Ewropea. Brussell: Kummissjoni Ewropea

Peters, S., 2004. *Inclusive Education: An EFA Strategy for all Children* [Edukazzjoni Inklużiva: Strateġija tal-EFA għat-Tfal Kollha]. Washington, D.C.: Bank Dinji

Taipale, A., 2012. *International Survey on Educational Leadership. A survey on school leader's work and continuing education* [Stħarriġ Internazzjonali dwar it-Tmexxija fl-Edukazzjoni. Stħarriġ dwar ix-xogħol tal-mexxejja tal-iskejjel u t-tkomplija tal-edukazzjoni]. Ħelsinki: Il-Bord Nazzjonali Finlandiż tal-Edukazzjoni

## MT

Segretarjat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju fi Brussell:

Rue Montoyer, 21
BE-1000
Brussell
Il-Belġju
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**